**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 06/2024 – Laqgħa b'Urġenza**
**16 ta' Ottubru 2024**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fid-7:45 p.m.**

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Kylie D'Amato – Kunsillier
Connie Debattista - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

## 6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

Is-Seduta bdiet 15-il minuta tard minħabba li l-Kunsill kellu laqgħa informali qabel is-seduta

## 6.2 Skema ta' Infrastructure Malta – Vjal Kulħadd

Is-Sindku infurmat li saret din il-laqgħa b'urġenża minħabba li l-Minuti jridu jkunu approvati sas-seduta li jmiss, kif ukoll iridu ninfurmaw lill-Perit tal-Kunsill sabiex jibda jipprepara d-dokumentazzjoni tal-proġett approvat peress li l-skema tagħlaq fl-aħħar ta' Ottubru 2024.

Il-Kunsillier Sciberras talab sabiex wara li tinqara x'tinvolvi din l-iskema mis-Sindku (d-dokumenti ġew mibgħuta qabel lill-Kunsilliera), jintwera video li ġie mtellgħa fuq il-paġna ta' facebook ta' Infrastructure Malta dwar Vjal Kulħadd.

Qabel din is-seduta, is-SE talblet lill-Kunsilliera sabiex jgħaddu l-proposti tagħhom għal din l-iskema. Is-Sindku pproponiet Pjazza tal-Ġilju peress li l-pjanti huma lesti. Il-Kunsillier Sciberras ppropona Trejqet Santu Krisu kif ukoll Pjazza tal-Ġilju.

Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Sciberras jispjega l-proposta tiegħu rigward **Trejqet Santu Kristu**:

- Triq rurali li ġiet qisha prinċipali, 2 way.
- Tiġi partially pedestrian – tintuża wkoll għall-vetturi, sabiex ma jinqata ħruġ ieħor mill-lokalita.
- Tagħqqad 3 lokalitaijiet (Gudja, Ħal Luqa u Santa Luċija).
- Il-pavimentar isir b'materjal permeabbli sabiex ikun addattat kemm biex timxi fuqu, kif ukoll għall-vetturi filwaqt jiġbor l-ilma biex imur fil-ġibjuni li hemm fil-viċin.
- Isiru calming measures għas-sigurtà tan-nies li jmorru jimxu f'dik il-parti
- Tiġi **partzjalment one way – exit only**, anke sabiex jitnaqqas t-traffiku.

Il-Kunsillier Sciberras irrimarka li l-prijorità jekk ma nilħqux bil-perit għandha tkun li napplikaw għall-partial one way.

Is-Sindku issuġġerit li minn fejn hemm id-**Dog Park sa fejn hemm il-ġibjun, tiġi fully pedestrianised,** filwaqt li l-bqija tibqa' exit only. Għandu jitħalla aċċess għal servizzi, residenti u bdiewa. Il-Kunsilliera Debattista fakkret li ser jinħoloq inkonvenjent lir-residenti li joqgħodu lejn Triq Wied Garnaw (fil-viċinanzi) peress li jridu jduru d-dawra kollha sabiex joħorġu minn Santa Luċija li normalment joħorġu minn Trejqet Santu Kristu. Ma tistax tillimita l-ħin li joħorġu n-nies minnha.

Is-Sindku fakkret ukoll li Trejqet Santa Kristu hija tal-Kunsill Lokali tal-Gudja u għalhekk l-aħjar li japplikaw huma. Hija lesta li tikkoordina bejn il-KL ta' Santa Luċija u dak tal-Gudja sabiex jkun jista jsir dan il-proġett, iżda peress li hemm proċess twil u hemm limitazzjoi ta' ħin, diffiċli li dan ikun jistà jitwettaq f'din l-skema.

Is-Sindku qablet ma' dan il-proġett u pproponiet li nlestu d-dokumentazzjoni. Is-Sindku infurmat li l-periti tawna data sa meta ridna nagħtu l-idea tal-proġett u din diġà qbiżniha b'ġimgħa. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jiġi mqabbad perit ieħor u li tinġieb prokura mill-Kunsill tal-Gudja sabiex jiġi mgħaġġel il-proċess.

Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' dan il-proġett. Il-Kunsilliera D'Amato rrimarkat li peress li l-ispiża tal-proġett mhix kbira, nistgħu napplikaw għal Trejqet Santu Kristu fi skemi oħra.

Is-Sindku fakkret li fis-Seduta nru 56, il-Kunsill kien diġà applika għal skema ta' Project Green fi **Pjazza tal-Ġilju,** iżda ma ġietx approvatha u għalhekk għandna kollox lest għal dan il-proġett. Is-Sindku issuġġerit li nippruvaw ngħaqqdu ż-żewġ proġetti.

Il-Kunsilliera Debattista staqsiet min kien ħa ħsieb li jagħmel t-tarmac ta' Trejqet Santu Kristu. Is-Sindku infurmat li t-tarmakk sar minn Infrastructure Malta. Dan wara li l-Kunsill ta' Santa Luċija imbotta wkoll biex dan isir.

Matul is-seduta ġew murija fuq il-live streaming il-pjanti tal-Pjazza tal-Ġilju li għandna f'idejna. Is-Sindku infurmat li ser jiġu mgħoddija l-pjanti lill-Kunsilliera, sabiex kulħadd jgħaddi s-suġġerimenti tiegħu sa l-għada filgħodu. Dan biex jekk hemm xi affarijiet li nistgħu nbiddlu jew nemendaw inkunu nistgħu nibgħatu ninfurmaw lill-perita.

Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jiġi mqabbad il-perit tal-Gudja. Kulħadd qabel, li f'każ li ma nlaħħqux rigward Trejqet Santu Kristu, nlestu l-proġett kollu sabiex meta toħroġ skema oħra nkunu nistgħu napplikaw.

Il-Kunsilliera qablu unanimament fuq iż-żewġ proġetti għal Vjal Kulħadd b'dak li hemm imsemmi hawn fuq.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

Konfermati, illum 26 ta' Ottubru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ___________________________ | ___________________________ |
| Charmaine St John<br>Sindku | Bernice Darmanin<br>Segretarju Eżekuttiv |